MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2005

Numru 555/2001/1

**Avviz numru 555/01DM**

**Leonard Mifsud**

**Vs**

**Carmelo u Rita konjugi Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma li ghandha tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti konsistenti f'danni, inkluz *mancato guadagno*, mill-attur inkorsi bhala konsegwenza ta' l-okkupazzjoni arbitraja taghhom ta' porzjon raba proprjeta' ta' l-attur li tinsab fil kontrada maghrufa bhala 'Tal-Fuglar', fil-limiti tal-Mosta, u dana sakemm gew zgumbrati minnha bis-sahha ta' sentenza ta' din l-

Onorabbli Qorti (Avviz Numru 995/98 SM) tat-12 ta' Dicembru, 2000.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 7 ta' Mejju, 2001, 11 ta' Mejju, 2001 u 25 ta' Mejju, 2001, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.  Ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur tad-danni nkorsi ma jeccediex is-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn ecceppew illi:

1. It-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan in vista tal-fatt illi l-konvenut kien qed jokkupa l-art in kwistjoni *in buona fede*, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Inoltre, ladarba l-konvenuti kienu qed jokkupaw l-porzjon raba' *in buona fede*, ma humiex obbligati jroddu lura l-frott jew il-valur ekwivalenti generat minn dan ir-raba' bhala danni, kif reklamati mill-atturi.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta' Gunju, 2002, fejn gie nominat Anthony Mifsud bhala espert tekniku sabiex jistabbilixxi r-rikavat agrikolu mill-porzjon in kwistjoni u, a tenur tad-digriet taghha tat-28 ta' Marzu, 2003, sabiex jistabbillixxi r-rikavat agrikolu medju mill-ghalqa in kwistjoni;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Jannar, 2004, fejn l-espert tekniku Anthony Mifsud gie sostitwit bl-istess inkarigu mis-Sur Anthony Borg;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert tekniku Anthony Borg mahlufa fid-19 ta' Novembru, 2004;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-affidavit tieghu jirrizulta illi l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq il-fatt illi wara li fl-elf, disa' mija u tmienja u disghin (1998) kien ipprezenta azzjoni gudizzjara fil-konfront tal-konvenut sabiex jirripprendi l-pussess tar-raba in kwistjoni, liema pretensjoni l-konvenut kien qieghed jirrezisti; huwa ottjena sentenza favorevoli fit-12 ta' Dicembru, 2000, u ghalhekk qieghed jitlob kumpens ghal dawk is-snin li fiha damu ghaddejjin il-proceduri gudizzjarji u ghal dak il-perjodu ta qabel li fih il-konvenut kien qed jirrezisti t-talba ta' l-attur ghar-ripreza tal-pussess u ddikjara illi huwa qed jippretendi kumpens fis-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) ghal kull sena u anke allega illi sab nieqsa mill-ghalqa in kwistjoni horza tal-bir illi huwa allega illi ghandha valur ta' mitejn lira Maltin (Lm200).

Evidentement il-parti sokkombenti f'kawza ghar-ripresa tal-pussess ma tistax tghid u ssostni illi matul il-proceduri hija kienet irresistiet it-talba, issa **gustifikata,** tal-kontroparti u zammet il-pussess in *buona fede,* anzi s-sentenza nniffisa illi tikkundanna l-parti biex tizgombra tkun qeghda tikkonferma ukoll l-pussess abbusiv ta' dik il-parti. Il *buona fede* tispicca kif appena dak li jkun qed jistrieh fuqha jigi nterpellat u notifikat sabiex jieqaf mill-agir abusiv (u kkonfermat bhala tali), irrispettivament minn kull pretensjoni erronea li jista jkollhu u li jibqa jsosstni u l-agir testard tieghu b'ebda mod ma jista' jagevolah jew jippregudika lill-parti l-ohra.

Ghalkemm l-attur isostni illi huwa kien diga' interpella l-konvenut biex jirrilaxxa r-raba ferm qabel il-proceduri gudizzjari decizi f'Dicembru, 2000, jirrizulta biss illi l-ewwel intimazzjoni, kif jammetti l-istess konvenut, kienet saret b'ittra ufficjali f'Settembru ta' l-elf, disa' mija, sitta u disghin (1996).

Ghaldaqstant jirrizulta li l-okkupazzjoni abbuziva tal-konvenut tista' tigi stabbilita' biss sa mill-1996 sas-sena 2000 meta nqatat il-kawza bejn il-kontendenti u skond il-konvenut stess huwa mill-ewwel hareg mir-raba in kwistjoni.

Inoltre l-istess konvenut jinnega illi huwa b’xi mod kien nehha xi horza tal-bir mill-ghalqa in kwistjoni anzi jallega illi din il-horza kienet naqset qabel ma huwa dahal fil-pussess tar-raba in kwistjoni u kienet naqset meta r-raba kien ghadu komproprjeta’ tal-kontendenti.

Ghal dak li jirrigwarda l-kumpens li ghandu jiehu l-attur ghas-snin illi fiha kien ipprivat mill-pussess tar-raba in kwistjoni, il-perit tekniku, fir-relazzjoni teknika tieghu a fol. 42 tal-process, jistabbillixxi s-somma ta’ tmienja u sittin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm68.75) kull sena.

Pero’, billi din l-istima ma tiehux in konsiderazzjoni l-fatt stabbilit mill-affidavit ta’ l-istess attur illi, f’xi snin, l-attur kien jizra minflok ful u patata, qamh u silla u billi din l-istima lanqas ma tiehu in konsiderazzjoni n-nefqa ghall-*mano d’opera* involuta fil-kultivazzjoni tal-prodotti agrikoli, il-Qorti ssib illi huwa iktar ekwu li wiehed jikkonsidra l-kumpens annwu ghall-porzjon in kwistjoni fis-somma ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena kif effettivament talab l-istess attur.

Ghalhekk, tenut kont ta’ l-fatt illi s-sena agrikola ghandha tigi kkomputata b’effett mill-15 ta Awissu, ghall-hames (5) snin minn Awissu, 1996, sa Awissu, 2001, l-attur huwa ntitolat ghall-kumpens kumplessiv fis-somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) waqt li, ghal dak li jirrigwarda t-talba tieghu ghall-kumpens dwar il-horza li sab nieqsa, din ma tirrizultax gustifikata.

Ghaldaqstant, filwaqt li din il-Qorti qed taghmel taghha r-relazzjoni teknika kif modifikata bid-deposizzjoni ta’ l-istess espert tekniku tal-15 ta’ Dicembru, 2004, issib illi t-talba attrici hija gustifikata u qedgha tillikwida l-kumpens lilhu dovut mill-konvenuti, konjugi Mifsud, fis-somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250), u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qed tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu dan l-ammont ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) lill-attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------